MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 13/2013

**Appell Nru. 13/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Yvonne Farrugia)**
**Vs**
**Patrick Busuttil**

**Illum 13 ta' Novembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 99559 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Awwissu 2004 u Dicembru 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq

iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewrou 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Jannar, 2013, li biha, lliberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :-

a. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tar-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, u filwaqt li

b. thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tar-reat ta' fode innominata taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali naxxenti mill-ewwel imputazzjoni, tar-reat tal-approprjazzjoni indebita skont l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali imsemmi fit-tieni imputazzjoni u tar-reat taht l-artikolu 117(1)(iii) tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali imsemmi fit-tielet imputazzjoni, tghaddi sabiex minflok

c. issib lill-appellat hati tar-reat ta' frode innominata taht l-artikolu 309 tal-kodici Kriminali naxxenti mill-ewwel imputazzjoni, tar-reat tal-approprjazzjoni indebita taht l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali imsemmi fit-tieni imputazzjoni u tar-reat taht l-artikolu 117(1)(iii) tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali imsemmi fit-tielet imputazzjoni;

d. u tinfliggi kontra tieghu l-piena komplessiva relattiva ghas-sejbien ta' htija fuq dawn ir-reat imsemmija fil-paragrafu precedenti skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghamlet enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih, nonche sahhet il-konkluzjoni taghha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 ta1-Liijiet ta’ Malta.

Fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maisfrafi (Malta) kellha lok li ssib htija fuq l-imputazzjonijiet kollha ghar-ragunijiet segwenti —
1. Jirrizulta car mill-provi prodotti u mistqarr mill-imputat appellat li huwa kien thaddem il-kontijiet bankarji kollha hawn fuq imsemmija (ara fol 46). Kien konxju u konsapevoli mit-thaddim taghhom u mill-fondi li kienu qed jidhlu f’dawn il-kontijiet minn sorsi diversi.
2. L-imputat appellat itenni li huwa qatt ma kellu intenzjoni li jqarraq bid-Dipartiment u li semmai meta ghamel xi trasferimenti mill-kont de quo ghall-kontijiet personali ohra tieghu, dan kien ghamlu bi zball jew kien ghamel trasferiment biss tal-imghaxijiet jew qliegh minn investimenti biss.  L-esponent umilment ma jaqbilx li dan huwa verament dak li sehh u dan ghar-raguniijiet diga esposti aktar il-fuq u ghal dawk li jsegwu.
3. Fl-umli fehma tal-esponent l-imputat mhux qed jghid il-verita kollha ta’ kif raw l-affarijiet f’dan il-kaz.  L-esponent jidhirlu li mill-provi migbura, l-imputat appellat zbalja doppjament. Zbalja meta huwa wara l-prelevament (a) u sal-prelevament (f) trasferixxa l-fondi kwazi kollha li kienu kontenuti fil-kont bankarju de quo f’kontijiet bankarji tieghu personali.  Dan il-fatt per se maghqud mal-gharfien tieghu sewwasew ta’ minn fejn kienu qed joriginaw il-parti l-kbira

tal-flus f'dan il-kont bankarju jeskludu kompletament kwalunkwe zbal genwin fic-cifri jew zbalji ta' konteggi da parti tal-imputat appellat — skont kif donnu ried jiggustifika ruhu. Anzi mnn dan l-ezercizzju juri bic-car li l-imputat appellat kien jaf sewwasew x'inhu jaghmel u kemm thalli flus fil-kont de quo u kemm jittrasferixxi ghal kontijiet tieghu personali — pratikament il-flus kollha li kien hemm disponibbli ghalih. Ghal dan il-fatt m'hemmx skuzi — din hija matematika — u dawn il-fatti matematici jeskludu l-buona fede da parti tal-imputat appellat. Ried ikaxkar il-flus kollha li kien hemm u f'temp ta' sentejn skorruti hekk ghamel — kemm il-flus li legalment kien intitolat ghalihom u kemm dawk li ma kienx.

4. L-imputat appellat zbalja wkoll meta huwa ma nftirmax lid-Dipartiment li kienet giet nieqsa s-siehba tieghu u minkejja li ghaddew mhux xhur, izda snin, xorta wahda baqa' sieket u ma insistiex mad-Dipartiment biex ma jibqax jiddepoziita pensjoni tar-romol li ma kienetx dovuta lilu fil-kont de quo, li in parti kien ukoll tieghu.

5. Dawn l-izbalji, bir-rispett kollu ma jammontawx hlief ghall-kommissjoni tar-reati addebitati lill-imputat skont kif ser jinghad aktar l-isfel.

**<u>Ir-reat tat-truffa taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali</u>**

6. Dwar ir-reati tat-truffa u l-frodi innominata, l-esponent jaqbel mal-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwotazzjonijiet tas-sentenzi de quo fir-rigward tar-reat tat-truffa in kwantu f'dan il-kaz l-imputat appellat f'dan il-kaz ma agixxiex pozittivament billi minbarra li qal kliem menzjonjier akkumpanjah ukoll b'apparat estern li jsahhah il-kelma fil-mohh tad-defrawdat. F'dan il-kaz, l-esponent jemmen illi l-imputat appellat agixxa frawdolentement bl-inazzjoni u bis-silenzju tieghu u mhux billi holoq xi messa in scena. L-imputat appellat ma holoqx messa in scena biex jikkonvinci lid-Dipartiment li Violet Cauchi kienet ghadha hajja meta fil-fatt kienet mejta.

7. Izda l-imputat appellat baga' sieket u inerti ghal snin shah dwar il-mewt ta' Violet Cauchi billi huwa la informa

lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali bil-mewt taghha u l-anqas informa lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li kien qieghed jircievi fil-kont kongunt tieghu ma dik li kienet is-siehba tieghu ghal snin shah u l-anqas ghamel rifuzjoni tal-pensjoni qabel ma kien interrogat mill-Pu{izija. Fl-umli fehma tal-esponenti, in bazi ghall-provi prodotti f'dan il-kaz l-esponent jemmen li hemm l-estremi sufficjenti ghas-sejbien ta' htija fil-konfront tar-reat minuri izda kompri u involut tal-frode innominata taht l-Artikolu 309 tal-Kodid Kniminali u dan peress li bis-skiet u l-inerzja tieghu holoq sitwazzjoni fejn ghal snin shah huwa qarraq bid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u ghalhekk b'dannu ghall-Gvem ta' Malta minhabba li baqa jircievi f'kont bankarju kongunt li kien kompropjetarju u amministratur tieghu ammont ta' pensjoni tar-romol li ma kienetx dovuta lilu, izda li kienet dovuta biss lil dik li kienet is-siehba tieghu.

**<u>Il-frode innominata taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali</u>**

8. Fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maisfrati (Malta) ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-fatti f'dan il-kaz li wassalha biex ma tikkondividix dan il-punto di vista importanti fuq dan il-kaz. Jirrizulta mill-provi (ara dok 64) li minkejja dak imtenni mill-imputat appellat (li skont hu kien informa lill-xi hadd mid-Dipartiment tas-Sigurta' Sojali - skont l-istqarrija tieghu a fol 25 "xhur wara li mietet"), huwa pruvat iswed fuq l-abjad li dan mhux minnu. Kien fil-fatt George Cremona, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali stess li fl-ittra tieghu ezibita a fol 64 juri bic-car li mhux veru li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kien ircieva l-informazzjoni minghand l-imputat appellat (jew minn xi hadd iehor) li Violet Cauchi kienet giet nieqsa. Fl-ittra tieghu George Cremona jghid li "After her death no one seemed to bother and inform the Department of Social Security,...". Anzi meta xehed ghat-tieni darba, George Cremona jeskludi wkoll li fil-file ta' Violet Cauchi kien hemm ic-certifikat tal-mewt taghha (ara d-deposizzjoni tieghu a fol 85).

9. Dan jikkontrasta bil-kbir dak li jghid l-imputat appellat u cioe' li kien informa lid-Dipartiment bil-mewt tas-siehba tieghu u li anke wara meta rcieva l-karti mid-Dipartiment

kien imur jghidilhom. Pero minkejja din il-verzjoni, dak li jirrizulta car hu li d-Dipartiment tas-Sigurta Soqali baqa' xorta jivversa l-pensjoni tar-romol fil-kont bankarju kongunt de quo u minkejja li l-imputat appellat kien jaf ben tajjeb li din il-pensjoni baqghet diehla f'dan il-kont, naqas milli jirrifondi dawn il-flejjes immedjatament minn jeddu u minghajr hadd ma kelmu dwarhom qabel!

10. Bid-dovut rispett il-verzjoni tal-fatti rakkontata mill-imputat appellat hija oggettivament kontradetta mill-provi prodotti. Inoltre d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ghandu kull interess li jara li jekk hemm persuna li ma ghadhiex aktar intitolata ghal xi beneficcju din ma tkomplix tircievi l-istess beneficcju ghax dan ikun ifisser li l-istess Dipartiment ikun qieghed jaghmel hlasijiet indebiti u illegali. L-esponent jaraha bil-wisq stramba kif id-Dipartiment, jekk verament kien gie debitament notifikat bil-mewt ta' Violet Cauchi, ma jieqafx thallas pensjoni tar-romol lil min mhux intitolat ghaliha u dan ghal snin shah.

11. Pero miribarra dan, il-verzjoni tal-imputat appellat ma hija sorretta minn ebda prova konkreta u tanibbli li tista tikkorroboraha. L-imputat appellat u ma ressaq ebda prova konkreta, dokumentali jew xi prova ohra li turi u bl-icken mod tikkorrobora l-fatt li huwa avza lid-Dipartiment bil-mewt ta' Violet Cauchi u/jew informa lill-istess li kien qieghed jaghmel pagamenti ta' pensjoni tar-romol meta kienx aktar dovut u lil persuna li ma kienetx ghadha hajja. Inoltre, l-imputat appellat jghid li rcieva diversi karti mid-Dipartiment in konnessjoni mal-pensjoni de quo. Anzi huwa ezebixxa diversi minnhom f'dawn l-atti. Dan ukoll huwa fattur stramb ghaliex minflok izommhom mahzunin u jezibihom f'dan il-process, bhala cittadin onest huwa kellu jirritornhom lura lid-Dipartiment b'ittra jew nota miktuba fejn jinfurmah li dawn il-karti ma kienux aktar dovuti li jintbaghtu lilu daqskemm ma kienx aktar dovut li tkompli tintbaghat il-pensjoni tar-romol f'kont bankarju meta l-beneficjarja kienet giet nieqsa xhur u snin qabel! Anzi c-cittadin onest u in buona fede kellu immedjatament, meta kien jaf min kien qed jaghmel il-hlasijiet mhux dovuti f'kont intestat f'ismu, jirrifondi dawn il-flus immedjatament u mhux joqghod sieket, jistenna li xi darba xi hadd ikelmu — jekk xi hadd jinduna! Bid-dovut rispett dan l-attegjament huwa minnu nnifsu agir frawdolenti.

12. Dwar is-suppost avviz li huwa ta lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali dwar il-mewt ta’ Violet Cauchi huwa jghid biss li “...Xhur wara li mietet kont hadt ic-certifikat tal-mewt ta’ Violet is-Social Services il-Belt, pero’ ma kontx staqsejt ghad-dettalji ta’ min kien ircevih” (fol 25). Bid-dovut rispett dan huwa agir li qajla jaghmel sens ghal bniedem li deher li huwa edukat u erudit li, skont kif jidher mid-deposizzjoni tieghu stess, jghid li kellu posizzjoni gholja. Jghid li fiz-zmien ta’ meta giet nieqsa Violet Cauchi kien ghaddej minn perjodu difficli f’hajtu, u s’hawnhekk wiehed jemnu ghaliex f’cirkostanzi bhal dawk li ghadda minnhom l-imputat appellat huwa ragonevoli li wiehed jghaddi miinn trawma. Pero f’dal-kaz, minkejja t-trapass ta’ snin shah bejn l-2004 u 1-2010 l-imputat, ex admissis, xorta wahda ma ha ebda azzjoni ulterjuri biex il-pensjoni tar-romol ma tibqax tigi depozitata fil-kont de quo. Anzi, din l-allegata trawma ma zammitux milli, xahar biss skorrut mid-decess ta’ Violet Cauchi (fis-27 t’Awissu 2004) jaghmel trasferiment ta’ Lm2500 mill-kont de quo ghall-kont personali tieghu b’mod li kwazi battal dan il-kont mill-flus kollha li kien fih — legittimament tieghu u mhumiex!

13. Allura jekk kien pront jittrasferixxi dawn il-flus fil-kont personali tieghu fis wara li giet nieqsa Violet Cauchi, ghaliex ma kienx pront ukoll li jiehu azzjoni ulterjuri, anke jekk snin wara li s-siehba tieghu kienet giet nieqsa, biex il-pensjoni ma tibqax tigi versata fil-kont de quo? Ghaliex kellu jkun l-intervent tal-Pulizija li jixpruriah jiddezisti milli jkompli jircievi din il-pensjoni meta ma kellux dritt ghaliha?

14. L-inazzjoni tal-imputat appellat u s-skiet illi zamm fuq il-mewt ta’ Violet Cauchi hija l-pern ta’ kollox f’dan il-kaz. Permezz tas-silenzju u l-inerzja tieghu l-imputat appellat holoq sitwazzjoni fejn ghall-kull fini u effett tal-Ligi tas-Sigurta Socjali u ghad-Dipartiment in partikolari, Violet Cauchi kienet ghadha hajja — u awtomatikament eligibbli ghall-pensjoni tar-romol. U din hija sitwazzjoni alkwantu frawdolenti.

15. Kien l-obbligu tal-werrieta jew ta’ min jirraprezentahom, jew tal-persuni qrib tad-decuius li jinfurmaw lid-Dipartiment fil-kaz li jkun hemm mewt ta’ persuna intitolata ghal beneficju socjali. Ma jistax dan l-oneru jigi spostat fuq id-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali meta l-Ligi ma tirrikjedix dan mid-Dipartiment. Fil-fatt dan

huwa dak li argumenta l-imputat appellat a fol 88 meta wahhal fid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li ma giex infurmat mir-Registru Pubbliku li kienet giet nieqsa s-siehba tieghu! Pero bir-rispett kollu l-obbligu legali li jitnissel mill-Ligi tas-Sigurta Sojali jinkombi fuq l-imputat appellat li jaghmel dan u mhux id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jew fuq ir-Registru Pubbliku. U l-anqas huwa rikjest mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jkollu d-don tal-veggenza li jkun jaf min hu haj u min hu mejjet!

16. Jispikka l-punt li l-imputat fl-ebda hin ma' baghat xi ittra regisfrata jew dokument iehor lid-Dipartiment biex jinfurmaw bil-kitba li kien hemm id-decess ta' Violet Cauchi — jew li eziga jew issollecita xi dokument jew dikjarazzjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li permezz tieghu ikollu ricevuta jew konferma ufficjali li huwa aderixxa mal-obbligi tieghu li jinforma lid-Dipartiment. Dan huwa fattur stramb meta jigi kunsiderat il-livell t'edukazzjoni li ghandu, ex admissis, l-istess imputat appellat. Bid-dovut rispett, fl-umli fehma tal-esponent it-tezi tal-imputat appellat tissodisfa ghal-massimu l-livell tal-possibbli izda zgur ma tissodisfax il-livell tal-probabbli f'dan il-kaz. U dan b'mod partikolari meta din l-istqarrija hija kontrastata b'mod car, esplicitu u inekwivoku da' parti ta' George Cremona li permezz tad-deposizzjoni tieghu, tal-ittra mibghuta minnu u minn ezami tal-file relattiv ta' Violet Cauchi, jeskludi kategorikament li kien hemm dan ic-certifikat tal-mewt jew xi forma ta' informazzjoni skritta li din il-persuna giet nieqsa f'Lulju tal-2004 jew li kienu informati mill-imputat appellat jew min xi hadd iehor, li l-pensjoni baqghet tigi imhalsa meta ma kienetx aktar dovuta.

17. Fi-umli fehma tal-esponent dan kollu jfisser li mhux minnu li l-imputat appellat fil-fatt informa lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali bil-mewt ta' Violet Cauchi. Anzi kif jidher car mill-modus operandi tal-imputat appellat, mill-provi prodotti u mill-konteggi maghmulin aktar il-fuq bazati fuq jr-records bankarji stess, l-imputat appellat kellu kull interess li dan ma jsirx ghaliex grazzi ta' hekk setgha jiehu c-cans u jiehu r-riskju (forsi wkoll ma jinqabadx...) li jkompli jippercepixxi l-pensjoni tar-romol fil-kont de quo u jkomplu jizdiedu l-flus fil-kont li kien mahsub ghat-tifla meta tikber. L-imputat appellat jiddikjara apertament li l-

pensjoni “baqghet tigi, baqghet tigi” (fol 89). Minkejja dan huwa ghamel trasferimenti lejn il-kontijiet personali tieghu hawn fuq imsemmija; u wara li fl-11 t’Awissu 2006, (fejn ghat-tieni darba fi spazju ta’ ftit aktar minn sentejn kien trasferixxa ghal kontijiet personali tieghu kwazi l-flus kollha li kien hemm f’dan il-kont) halla li din il-pensjoni tibqa diehla fil-kont de quo minghajr ma jaghmel xejn konkret biex dan jieqaf. Jigi mtenni li bid-dovut rispett dan l-agir per se e in se jissodisfa l-elementi kollha tal-frode.

18. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat appellat kien jaf li kienet is-siehba tieghu li kienet intitolata ghal din il-pensjoni tar-romol u mhux hu jew bintu. Kien jaf ukoll li din il-pensjoni ma kienetx aktar dovuta wara li giet nieqsa s-siehba tieghu. Id-dritt ghall-pensjoni tar-romol kien taghha u mhux tieghu - u dan huwa punt elementari u cardinali. Ghalhekk ma jistax jinghad li meta huwa halla din il-pensjoni tibqa diehla fil-kont bankarju kongunt (li in parti kien tieghu) u ma jaghmel xejn konkret kif kien legalment obbligat li jaghmel biex din il-pensjoni ma tibqax diehla f’dan il-kont, huwa kien in buona fede jew li qeda’ l-obbligi li huwa kellu skont il-Ligi. F’dan is-sens, il-mezz uzat biex jigu dawn il-flus taht il-kontroll tieghu kien mezz kontra l-Ligi — ukoll ghax ma kienx legalment intitolat ghalth. Anzi anke l-kont bankarju kongunt de quo baqa u thalla miftuh minnu f’isem persuna li sadattant kienet deceduta. Minkejja dan
anke dan il-kont bankarju inzamm miftuh...

19. Apparti minn hekk, meta l-imputat appellat ghamel uzu minn kont bankarju li fih kien hemm l-isem ta’ Violet Cauchi li sadattant kienet lahqet giet nieqsa — kien ukoll qieghed jaghmel uzu minnu kontra l-Ligi ghaliex id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ma kienx debitament informat li f’dak il-kont ma kienx hemm aktar il-beneficjarja tieghu u tal-pensjoni hajja. Ghalkemm l-isem taghha kien reali, il-kwalifika taghha bhala persuna li wara Luiju 2004 kienet hajja ma kienx veru. Anzi b’dan il-fatt, il-kont bankarju kien qieghed jghid falsita’ ghaliex legalment mhux possibbli li persuna deceduta tkun titolari ta’ kont bankarju, ahseb u ara pensjoni tar-romol!

20. Meta l-imputat appellat ma ddenuzjax il-mewt ta’ Violet Cauchi u l-pensjoni tar-romol baqghet diehla fil-kont bankarju li kien in parti tieghu, huwa kien qieghed jircievi

fil-kont bankarju tieghu, beneficcju li ma kienx intitolat ghalih — la hu u l-anqas il-werrieta ta' Violet Cauchi. Dan il-qliegh ingust ghalhekk sar a dannu u bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali — cioe' tal-Gvern ta' Malta ossija tal-Erarju Malti cioe' tal-poplu Malti u Ghawdxi onest li jhallas it-Taxxi u li jippretendi bid-dritt li t-taxxi tieghu jigu minfuqa kif jixraq u mhux jigu mthalsin pensjonijiet lil min mhux legalment intitolat ghalihom.

21. Bid-dovut rispett, mhux bizzejjed ghall-imputat appellat li jghid biss li "sa dan it-tant jien il-flus dejjem hallejthom hemm ghax kont naf li xi darba xi hadd se jitlobhomli" (ara fol 25). L-obbligu tieghu ma kienx sempliiment dan. Anzi kien obbligat li jirritorna l-flus lura lid-Dipartiment immedjatament u mhux joqghod jistenna s-snin forsi xi hadd jinduna biex imbaghad ihallas il-flus lura. U kieku ma nqabadx, x'kien jigri minnhom dawn il-flus? Kien jirritornahom lura minn jeddu? "Time and consequence" urew li kien biss wara l-intervent tal-Pulizija li l-imputat iccaqlaq. Minn jeddu ma rritomahomx lura, qabel. Anzi zammhom fil-kont sieket sieket.

22. Kien jaf minghand min u minfejn il-flus kienu gejjin u kien jaf li ma kienux dovuti lilu. Ma kellux diffikulta jirrinfraccja lil min irid jirrifondihom lura, kieku verament kien intiz li jroddhom lura. Pero f'dan il-kaz jidher car li minn jeddu l-imputat appellat ma raddhomx lura dawn il-flus. Anzi bejn is-27 t'Awissu 2004 u l-11 t'Awissu 2006 trasferihom kwazi kollha fuq kontijiet bankarji personali ohra, u wara l-11 t'Awissu 2006 zammhom fil-kont de quo. Altru milli kellu intenzjoni tajba li jzommhom biex jirritornahom lura meta mitlub!

23. Fl-umli fehma tal-esponent dan juri kemm l-imputat appellat kien dispost li jqarraq bis-sistema billi, inter alia, jiehu r-riskju li jzomm b'mod qarrieq u ingust dawn il-flus u sadattant jibqa jibbenefika minn dawn id-depoziti ta' pensjoni tar-romol fil-kont de quo.

24. Fl-umli fehma tal-esponent, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet zbaljata meta tenniet li ma kienx hemm id-dolus rikjest mil-Ligi ghalbiex tinstab htija ta' frode innominata. L-esponent jidhirlu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) waslet ghal din il-konkluzjoni erronja minhabba li ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti ta' dan il-kaz. Dan qed jinghad bl-akbar rigward, ghax minn

qari tas-sentenza stess jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma ghamiltx ezami akkurat ta' meta, kif u come l-imputat appellat agixxa biex trasferixxa l-flus depozitati fil-kont de quo u l-modus operandi fin li huwa adopera matul dawn is-snin kollha li jixhed l-intenzjoni doluza tieghu wara din l-operazzjoni kollha. L-Avukat Generali ma jemminx fil-buona fede tal-imputat appellat u dan in bazi ghall-provi kollha li tressqu.

25. L-imputat appellat fl-istqarrija tieghu juri bic-car li dan il-kont kien jaccedi ghalih regolarment u kien jaf x'ikun ghaddej fih. Meta pressat mill-Pulizija sabiex jiggustifika r-raguni ghaliex kien hemm differenza ta' 'l fuq minn €6000 mill-bilanc li kien jidher fil-kont bankarju huwa jghid : "Ma nafx. L-unika haga li nista' nassumi jidhru xi withdrawals li forsi ghamilt xi kalkolazzjoni hazina jiena. Minghalija li kont qed nigbed ta' l-imghaxijiet u gbidt iktar." Bir-rispett kollu l-esponent jidhirlu li hawnhekk l-imputat appellat ma kienx qed jghid il-verita. Mill-fatti pruvati mid-dokumenti u mid-deposizzjonijiet f'dan il-process u li huma, in panti riassunti aktar li fuq, jirrizulta li l-imputat appellat kien jaf sewwa sew x'inhu jaghmel.

26. Meta fis-27 t'Awissu 2004 trasferixxa ghal kont 141 002 670 27 l-ammont ta' Lm2500.00 l-imputat kien halla biss fil-kont de quo bilanc ta' Lm18.76 (ara fol 33) (aktar l-isfel imsejjah prelevament (a)). Mela f'dak l-istadju, il-kont kwazi ma hallilux flus fih. Bit-trasferiment li ghamel, "gibed" kwazi dak kollu li kien hemm x'tigbed fi flus. Naturalment meta huwa trasferixxa dan l-ammont ta' Lm2500 kien jaf ben tajjeb
li fil-kont kien hemm flus gejjin mill-pensjoni tar-romol, flus gejjin mill-imghaxijiet, flus gejjin minn investimenti mal-Corinthia kif ukoll flus gejjin mic-children's allowance. Ghalhekk f'dak l-istadju kien diga jaf li l-fondi li kienu thalsu lil Violet Cauchi li kienet giet nieqsa ftit aktar minn xahar qabel ma setghux jigu irtirati u trasferiti b'dak il-mod — ghax ma kienx intitolat ghalihom — peress li almenu zewg rati ta' pensjoni tar-romol kienu thalsu lil Violet Cauchi meta hija kienet diga giet nieqsa (depozitu ta' Lm137.20 li sar fl-24 ta' Lulju 2004 u depozitu iehor ta' Lm137.20 li sar fil-21 t'Awissu 2004 — ara fol 33).

27. Wara dan il-prelevament (a) fis-27 t'Awissu 2004 il-kont bankarju de quo beda jerga jibda jitlahham

b'ammonti godda ta' depoziti, li principalment kienu jikkostitwixxu f'depoziti tal-pensjoni tar-romol. L-ammont totali tal-pensjoni tar-romol li dahal f'dan il-kont wara l-prelevament (a) sal-prelevament (f) fil-11 t'Awissu 2006 kien ilahhaq l-Lm3814.89.

28. Meta l-imputat appellat ghamel l-ahhar prelevament (f), it-total tal-fondi kollha depozitati f'dan il-kont (inkluz din il-pensjoni tar-romol) kien jammonta ghal Lm4808.10.

29. Ghathekk f'dan il-perjodu bejn is-27 t'Awissu 2004 u l-11 t'Awissu 2006 l-ammont li setgha kien legalment intolat ghalihom l-imputat appellat f'dan il-kont de quo (eg. mill-investimenti fil-Corinthia ecc) semmai kienu jammontaw biss ghal madwar Lm993.21. (U l-anqas dawn kollha ghax l-ammont ta' imghax bankarju imhallas fuq dan il-kont kien jinkludi parti kbira li kien mahdum fuq it-total tal-pensjonijiet li ma kienx intitolat ghalihom).

30. Id-differenza ta' Lm3814.89 li l-imputat appellat trasferixxa wkoll fil-kont tieghu personali fil-11 t'Awissu 2006 kienu jirraprezentaw il-pensjoni tar-nomol li ma kienx legalment intitolat ghaliha...

31. Kif jista jghid ghalhekk l-imputat li dan kien sempliciment zball genwin jew li kien in buona fede meta kif intqal aktar il-fuq, ohrog il-ghageb, wara s-27 t'Awissu 2004 (id-data tal-prelevament (a)) u sad-data tal-prelevament (f) l-11 t'Awissu 2006) - it-total ta' trasferimenti kollha li saru minnu mill-kont bankarju kongunt de quo ghall-kontijiet personali tieghu kienu jammontaw ezatt ezatt ghal Lm4800! - cioe Lm8.10 biss anqas mit-total ta' depoziti li saru fil-kont bankarju kongunt de quo!

32. Fl-umli fehma tal-esponent hawnhekk jidher car li l-imputat appellat, li kien jaf dawn il-flus minn fejn gejjin, ghazel li jittrasferihom kwazi kollha kemm huma - kemm dawk li legalment kien intitolat ghalihom kemm dawk li ma kienx. U huwa car u bla ebda ombra ta dubju li aktar minn 79% tal-flus kollha depozitati f'dan il-perjodu fil-kont kongunt de quo kienu jirraprezentaw l-import tal-pensjoni tar-romol li ghalihom ma kienx legalment intitolat l-imputat appellat.

33. Apparti minn hekk mid-data tal-prelevament (f) (il-11 t'Awissu 2006) li quddiem huwa veru li l-imputat appellat ma ghamel ebda trasferiment jew preljev iehor mill-kont

bankarju kongunt. Izda b'daqshekk ma jfissirx li r-reati ma sehhewx. Anzi kompla jippersisti fl-izball u fit-twettieq tar-reati meta huwa ghazel li jzomm dan il-kont bankarju kongunt miftuh, wara l-mewt tas-siehba tieghu, biex fih ikun jista jibqa' jkompli jippercepixxi ingustament din il-pensjoni tar-romol dovuta lil Violet Cauchi.
34. Apparti dan huwa kien biss wara li gie interrogat mill-Pulizija li ghazel li jirrikonoxxi pubblikament l-izbalji tieghu u rrikonoxxa li kellu jirrifondi l-ammonti ta' pensjoni tar-romol percepiti u rtirati minnu. Sadattant, xhur u snin wara l-mewt ta' Violet Cauchi huwa ma ghamel xejn konkret, liberament minn jeddu u. minghajr indhil t'Awtoritajiet, biex dawn il-flus jitwaqfu milli jidhlu fil-kont de quo jew li jirrifondihom lura mum jeddu. Fi-umli fehma tal-esponent dan l-agir huwa agir meqjuz u mahsub biex id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jigi defrawdat fit-termini kif spjegat aktar il-fuq. Cittadin onest kellu jimxi mod iehor.

**<u>Ir-reat tal-approprjazzjoni indebita skont l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali</u>**

35. Apparti dan kollu, fl-umli fehma tal-esponent dan huwa wkoll kaz li mill-modus operandi partikolari adoperat mill-imputat appellat kellu jwassal ghas-sejbien ta' htija ghar-reat t'approprijazzjoni indebita. L-imputat appellat kien ihaddem dan il-kont bankarju kongunt li kien miftuh f'ismu u f'isem is-siehba tieghu. Meta sar il-ftehim mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jigi uzat dan il-kont, id-Dipartiment kellu relazzjoni legali ma Violet Cauchi fis-sens li l-fondi li jigu depozitati fil-kont supplit minnha lid-Dipartiment jigu wzati specifikament minnha bhala beneficjarja. Jirrizulta li lid-Dipartiment Violet Cauchi kienet fornietu b'numru ta' kont bankarju, izda ma jirrizultax li hija, jew xi hadd iehor kien informa lid-Dipartiment li dan il-kont kien kont bankarju kongunt. B'hekk id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali beda jivversa l-pensjoni tar-romol direttament f'dan il-kont bankaiju.
36. Jirrizulta pero mill-provi prodotti li dan il-kont bankarju kongunt kien jigi amministrat kemm minn Violet Cauchi kif ukoll mill-imputat appellat. Id-Dipartiment kien qieghed ghalhekk (ad insaputa tieghu) jiddepozita, ossija jikkonsenja l-flus f'kont bankarju li kellu zewg

amministraturi — Violet Cauchi li kienet il-beneficjarja legittima u l-imputat appellat li ghalkemm ma kienx benefijarju tal-pensjoni de quo, kien amministratur tal-istess kont bankarju li fih il-pensjoni kienet tigi depozitata.

37. L-esponent jidhirlu li meta d-Dipartiment kien qieghed jiddepozita l-pensjoni tar-romol f'dan il-kont, huwa kien qieghed jikkonsenja dawn il-flus bl-iskop specifiku li din il-pensjoni tkun tista tigi percepita minn Violet Cauchi qua beneficjarja tal-pensjoni. Sakemm Violet Cauchi kienet hajja naturalment setghet tamministra hija stess dan il-kont (anke peress li kif jirrizulta mill-atti, l-imputat appellat kien anke ghamel prokura specjali favur ta' Violet Cauchi biex tkun tista thaddem mhux biss dan il-kont bankarju, izda kull kont bankarju iehor appartenenti lill-imputat appellat mal-Bank of Valletta — ara fol 30 u 31).

38. Ghalhekk, f'dak iz-zmien li kienet ghadha hajja Violet Cauchi, dak l-iskop specifiku li ghalih id-Dipartiment kien jiddepozita (ossija "jikkonsenja") l-flus import tal-pensjoni tar-romol setgha jitwettaq u jintlahaq facilment u legittimament kemm minn Violet Cauchi (kif ukoll anke jekk ad insaputa tad-Dipartiment, mill-imputat appellat).

39. Mhux l-istess jista jinghad ghas-sitwazzjoni wara li Violet Cauchi giet nieqsa. Wara d-decess ta' Violet Cauchi, grazzi ghan-nuqqasijiet tal-imputat appellat hawn fuq imsemmija, id-Dipartiment xorta wahda baqgha jiddepozita, ossija jikkonsenja l-pensjoni tar-romol ta' Violet Cauchi fl-istess kont. Dan ifisser illi ghad-Dipartiment, l-iskop li ghalih kien qed jikkonsenja din il-pensjoni qabel id-data tal-mewt ta' Violet Cauchi kien baqa l-istess anke wara l-mewt taghha u dan sempliciment ghax id-Dipartiment ma kienx gie mgharraf bil-mewt taghha. Mela ghad-Dipartiment kull darba li kien qieghed jaghmel depozitu tal-pensjoni tar-romol f'dan il-kont, anke wara l-mewt taghha, huwa kien qieghed jikkonsenja dawk il-flus bl-iskop specifiku li l-konsenjatarju jaghmel minnhom l-uzu specifiku intiz mill-Ligi u mill-istess Dipartiment.

40. Biss minn kif gew mahduma l-affarijiet f'dan il-kaz, dan il-kont bankarju kongunt ma kellux biss amministratur wiehed, izda kellu tnejn. Mela meta d-Dipartiment kien qieghed jiddepozita l-pensjoni tar-romol (anke jekk ad insaputa tieghu) huwa kien qieghed jikkonsenja din il-

pensjoni mhux biss lil beneficjarju, izda wkoll kien qieghed jikkonsenja l-pensjoni fil-kont bankarju li kien qed jigi amministrat ukoll mill-imputat appellat (li ma kellu ebda rabta kontrattwali jew legali mad-Dipartiment ghall-fini tal-pensjoni tar-romol, izda li kien zgur igawdi l-fiduja tal-beneficjarja li fdatu wkoll bl-amministrazzjoni tal-fondi kontenuti fil-kont bankarju konunt de quo).

41. Biss dan l-arrangament intern bejn l-imputat appellat u Violet Cauchi dwar l-amministrazzjoni tal-fondi kontenuti fil-kont bankarju kongunt de quo bl-ebda mod ma jibdlu l-iskop specifiku li ghalih din il-pensjoni kienet qed tigi konsenjata skont il-Ligi u r-rieda tad-Dipartiment— u cioe' li dawn ir-rati ta' pensjonijiet jigu percepiti minn min kien legalment intitolat ghalihom u min kien il-beneficjarju taghhom — u cioe' Violet Cauchi.

42. Minhabba l-arrangament bankarju mahdum internament bejn Violet Cauchi u l-imputat appellat, isegwi wkoll ghalhekk li meta kienet hajja Violet Cauchi, l-imputat appellat kien ukoll qed jagixxi ta' konsenjatarju tal-pensjoni tar-romol, gjaladarba kien komproprjetarju tal-kont u amministratur tal-istess marbut mal-iskop li ghalih id-Dipartiment kien qieghed jikkonsenja dawk il-flejjes tal-pensjoni fil-kont bankarju de quo.

43. Naturalment jekk Violet Cauchi kienet kuntenta li l-imputat appellat matul hajjitha jgawdi wkoll mill-fondi kontenuti f'dan il-kont bankarju, u ergo wkoll minn din il-pensjoni, din kienet decizjoni legittima li setghet taghmel Violet Cauchi dment pero li kienet ghadha hajja. Izda minn naha tieghu l-imputat appellat ma setgha qatt ixekkel jew ixejjen l-iskop specfiku u legittimu li ghalih tali konsenja tal-pensjoni kienet qed issir f'dak il-kont mid-Dipartiment.

44. Gara pero li l-beneficjarja tal-pensjoni tar-romol giet nieqsa fit-23 ta' Lulju 2004. Minn dik il-gurnata il-quddiem Violet Cauchi ma baqghetx aktar intitolata ghal dik il-pensjoni. L-imputat appellat ma kienx mizzewweg ma' Violet Cauchi u ghalhekk ma setghax jibbenefika minn din il-pensjoni ta' Violet Cauchi fi kwalunkwe kaz. Biss ghad-Dipartiment li kien injar mill-mewt taghha u li baqgha jiddepozita l-pensjoni tar-romol gia dovuta lil Violet Cauchi, l-iskop ghal tali konsenja ta' pensjoni baqghet l-istess — u cioe dik li din il-pensjoni tigi percepita minn

Violet Cauchi — haga pero li issa kienet saret impossibbli dato l-mewt taghha.
45. Il-bidla ghalhekk kienet taffettwa
(a) lil Violet Cauchi, li una volta giet nieqsa ma setghetx tkompli tirievi aktar din il-pensjoni u twettaq l-iskop legittimu tad-Dipartiment wara l-hlas ta' dik il-pensjoni u
(b) lill-imputat appellat li, bhala komproprjetarju tal-kont bankarju kongunt de quo u amministratur uniku tieghu issa ma setgha qatt aktar da parti tieghu jara li l-iskop li ghalih il-flus kienu gew depozitati u konsenjati fil-kont bankarju de quo mid-Dipartiment jigi mwettaq u dan ghaliex il-beneficjarja issa kienet giet nieqsa u hu (jew il-werrieta ta' Violet Cauchi) ma kellu ebda jedd ghal dik il-pensjoni.
46. Wara l-mewt ta' Violet Cauchi ma kien ghad hemm ebda titolari legittimu li setgha jivvanta dritt fuq din il-pensjoni tar-romol li kienet qed tigi depozitata fil-kont bankarju kongunt stante d-decess taghha ghax mad-decess taghha l-entitlement taghha ghal-pensjoni tar-romol spina u r-rieda taghha dwar min setgha intemament igawdi mill-flus kontenuti f'dak il-kont, u allura inkluz il-flus mill-pensjoni, spiccat ukoll.
47. Isegwi ghalhekk li meta l-imputat appellat, bejn is-27 t'Awissu 2004 u l-11 t'Awissu 2006, ghamel it-trasferimenti mill-kont bankarju kongunt de quo ghall-kontijiet bankarji personali tieghu anke ta' dawk il-flejjes li kienu jirraprezentaw l-import tal-pensjoni tar-romol u tal-interessi bankarji li kienu sadattant iddekorrew fuq l-import tat-total ta' din il-pensjoni, u meta kwazi ma halliex sold f'dan il-kont grazzi ghat-trasferimenti li ghamel, l-imputat kien qieghed:
(a) idawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra - li setghet kienet ukoll bintu, li ghaliha kien miftuh dan il-kont,
(b) minn flus - ossija l-pensjoni tar-romol li ghaliha kienet intitolata Violet Cauchi,
(c) li kienu gew konesjati - fis-sens li kienu gew depozitati mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fil-kont bankarju kongunt de quo,
(c) taht l-intiza li jsir uzu minnhom specifikat - u cioe' dik li din il-pensjoni tigi percepita mit-titolari ta' dik il-pensjoni u cioe Violet Cauchi.

Izda peress li Violet Cauchi sadattant kienet lahqet giet nieqsa, dan l-uzu specifikat mid-Dipartiment relattivament ghal din il-pensjoni ma setghax aktar isir u jsehh — u dan japplika wkoll sakemm l-imputat appellat ghazel li jkompli jzomm il-kont bankarju kongunt de quo miftuh u grazzi ghall-inerzja tieghu,  jibqa jippercepixxi l-pensjoni tar-romol f'dan il-kont mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kontra l-Ligi kif inghad aktar il-fuq.

U ghalhekk f'dan il-kaz, fl-umli fehma tal-esponent hemm ukoll l-estremi tal-approprijazzjoni indebita kommessa mill-imputat appellat.

**<u>Ir-reat taht l-Artikolu 117(1)(iii) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali</u>**

48. Apparti minn hekk l-imputat appellat huwa mixli bir-reat specjali taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali u cioe li bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, kemm ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' dan l-Att — bi frodi naqas milli jirrapporta lid-Direttur, qabel ma rcieva xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament. Anke hawn il-Qorti tal-Magistrati (Malta), stante li principalment emnet il-verzjoni tal-fatti skont kif rakkontata mill-imputat appellat fuq bazi ta' probabbilita, waslet ghal konklujoni li l-anqas dan ir-reat ma gie pruvat da parti tal-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragurii.
49. L-esponent umilment itenni li bil-provi hawn fuq imsemmija, l-agir tal-imputat appellat f'dan il-kaz juri l-intenzjoni cara li huwa ried li jqarraq lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Naturalment jekk din l-Onorabbli Qorti tabbraccja din il-linja t'argumentazzjoni adottata mill-Avukat Generali, ikun isegwi li mill-iter tal-fatti dan ir-reat ukoll jirrizulta ampjament ippruvat.
50. Fil-bidu, fis wara li giet nieqsa Violet Cauchi, l-imputat appellat ftit aktar minn xahar wara l-mewt taghha, cioe' fis-27 t'Awissu 2004 trasferixxa kwazi l-flus kollha li kien hemm f'dan il-kont fil-kont bankarju tieghu bin-numni 141 002 670 27 u cioe' l-ammont ta' Lm2500.00 b'mod li

dakinhar halla fil-kont biss l-ammont ta’ Lm18.76. Hemmhekk huwa diga car li l-imputat appellat hataf il-flus li kien hemm kwazi kollha….. inkluz dawk rapprezentanti l-pensjoni tar-romol li kienu lahqu dahlu f’dan il-kont wara d-decess ta’ Violet Cauchi fit-23 t’Awissu 2004.

51. Sadattant wara s-27 t’Awissu 2004, mid-deposizzjoni ta’ George Cremona u mill-file ta’ Violet Cauchi mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jirrizulta pruvat li dan id-Dipartiment ma giex informat bil-mewt ta’ Violet Cauchi. Konsegwentement dan id-Dipartiment baqa jassumi li din ghadha hajja u baqgha jivversa l-pensjoni tar-romol li kienet intitolata ghaliha Cauchi. L-imputat appellat ma gibed xejn minn dan il-kont bejn is-27 t’Awissu 2004 u t-13 t’April 2005. Fit-13 t’April 2005 huwa trasferixxa Lm550 ghall-kont bankarju tieghu. Anke hemmhekk, f’dan il-perjodu ta’ tminn xhur kien hemm depoziti misti ii kienu jikkonsistu f’versamenti ta’ children’s allowance, interessi bankarji, imghax mill-investimenti tal-Corinthia u (izda) l-aktar f’ammonti ta’ pensjoni tar-romol de quo.

52. Xahrejn wara, cioe fl-14 ta’ Gunju 2005 l-imputat appellat gibed Lm250 billi rega trasferihom ghal kont bankarju tieghu personali. Din id-darba pero, kull ma kien hemm depozitat fil-kont de quo bejn it-13 t’April 2005 u 1-14 ta’ Gunju 2005 kienu biss il-pensjoni tar-romol li kienet titolata ghalihom Violet Cauchi — li sadattant kienet ilha nieqsa kwazi sena. Fil-frattemp, skont kif jidher mix-xiehda ta’ George Cremona, ebda informazzjoni dwar il-mewt taghha ma kienet inghatat fil-bidu u l-anqas sa’ dak il-mument. U l-imputat appellat ma nformax lid-Dipartiment bil-bdil f’dawn ic-cirkostanzi ferm importanti fl-entitlement ghall-pensjoni tar-romol.

53. Sadattant l-istess imputat appellat halla ammont ta’ zmien jghaddi qabel rega ghamel trasferimenti lejn il-kontijiet bankarji tieghu. Fil-fatt halla sa’ April 2006 sabiex jerga jaghmel trasferiment bankarju iehor mill-kont kongunt de quo. Pero minn hemmhekk, f’temp ta’ erba’ xhur rega kwazi kaxkar il-flus kollha li kienu lahqu ggemmghu f’dan il-kont, rank and file. Fil-11 t’April 2006 trasferixxa Lm200, fit-8 ta’ Gunju 2006 trasferixxa Lm2500 u fil-11 t’Awissu 2006 trasferixxa Lml,300 b’mod li kull ma halla bhala bilanc fil-kont kien Lm23.28! L-anqas matul dan il-perjodu ma jirrizulta li l-imputat ha xi azzjoni

konkreta biex jinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li Violet Cauchi kienet giet nieqsa u/jew Ii kien qieghed jircievi ammonti ta’ flus
f’pensjoni tar-romol li ma kienx intitolat ghahthom.
54. Kull ma hemm hija d-dikjarazzjoni tieghu fl-istqarrija u a fol 90 u 91 minghajr ma hija sorretta b’xi dokument jew nota ohra relattiva fil-file ta’ Violet Cauchi.  Fl-umli fehma tal-esponent, l-imputat appellat kellu l-obbligu legali li jinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali bil-mewt ta’ Violet Cauchi kemm jista jkun malajr wara tali decess u dan peress li din hija cirkostanza verament importanti rigward il-hlasijiet tal-pensjoni tar-romol. Jirrizulta mill-file relattiv taghha stess li dan ma sarx.
55. Anke jekk gratia argomenti (u ghalhekk biss) kellu jitwemmen l-imputat meta jghid li huwa informa lid-Dipartiment bid-decess de quo xorta wahda ma jirrizultax li ha azzjoni konkreta biex il-pensjoni tar-romol ma tibqax aktar diehla fil-kont de quo.  Anzi, ex admissis huwa jghid Ii ma ghamel xejn biex din tigi rifuza lura — qaghad jistenna Ii xi darba jkelmu xi hadd....
56. Minkejja li kien jaf li kienet baqghet diehla l-pensjoni, huwa ghazel bejn l-2004 u l-2006 li jitrasferixxi il-flus kwazi kollha li kien hemm f’dan il-kont. Wara -11 t’Awissu 2006, ghalkemm ma ghamilx trasferimenti ohra, xorta wahda ma ghamel xejn biex il-pensjoni tar-romol ma tibqax tigi depozitata f’dan il-kont mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.
57. Minn dawn il-provi prodotti u mill-iter ta’ kif graw l-affarijiet f’dan il-kaz, l-esponent umilment itenni Ii dan il-modus operandi tal-imputat kien intiz : -
(a) bl-iskop Ii jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (cioe li jibqa jircievi l-pensjoni tar-romol li ghalihom kienet intitolata s-siehba tieghu),
(b) kemm ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor (ghaliex del resto dawn id-depoziti tal-pensjoni tar-romol kienu qed isiru f’kont bankarju miftuh f’ismu u f’isem is-siehba tieghu u intestat bil-hsieb li jkun ghal binthom Kyra),  jew ghal xi skop iehor Il ghandu x’jaqsam ma’ dan l-Att -
(c) bi frodi (skont it-tezi tal-esponent li tirrizulta pruvata skont kif imsemmi aktar il-fuq)

(d) naqas milli jirrapporta lid-Direttur (ghaliex minn imkien mill-file ta' Violet Cauchi u mid-deposizzjoni ta' George Cremona ma jirrizulta li dan sar),
(e) qabel ma rcieva xi hlas (u jirrizulta li rcieva diversi hlasijiet zgur anke sa Novembru 2010),
(f) xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont (naturalment il-fatt Ii Violet Cauchi giet nieqsa kien ikollu l-konsegwenza naturali u materjali li dan il-hlas jieqaf kompletament - kif ukoll li konsegwentement il-hlasijiet li kienu qed isiru mid-Dipartiment ma kienux aktar dovuti li jsiru u li ghalhekk kellhom jieqfu milli jsiru),
(g) jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament (il-mod kif jinghata kien ukoll jispicca ghaliex ir-raguni legali ghal dan il-hias tkun spiccat — u dan apparti l-fatt li kien halla l-kont bankarju kongunt miftuh minkejja d-decess ta' Violet Cauchi).
58. Fl-umli fehma tal-esponent din is-sentenza tal-Qorti tal-Maisfrati (Malta), fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija manifestament u legalment zbaljata entro l-limiti imsemmija mill-esponent aktar il-fuq, nonche taghti lok ghal prcedent perikoluz fejn persuni ikunu jistghu jizgiccaw mir-regola tad-Dritt billi jistqarru, ex post facto, li ma kellhom ebda intenzjoni li jabbuzaw mis-sistema tal-pensjonijiet, meta fil-fatt ikunu ghamlu snin shah jippercepixxu pensjoni ingustament u li, bis-skiet u l-inerzja taghhom ikunu naqsu milli konkretament jinfurmaw id-Dipartiment koncernat bil-mewt tal-beneficjarju u jkunu komplew jibbenefikaw ingustament minn pensjoni a skapitu ta' min verament ikun intitolat ghal wahda u a skapitu tal-Erarju Pubbliku amministrat mil-Gvern ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat kellu relazzjoni ghal zmien twil ma certa Violet Cauchi u minn din ir-relazzjoni kellhom tifla bl-isem ta' Kyra. Sfortunatament Violet Cauchi mardet b'marda terminali u damet affletta minn din il-marda ghal snin twal. F'dan il-perjodu ta' zmien Cauchi kienet tircievi pensjoni tar-romol mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, dan id-Dipartiment kien talab lil Cauci

sabiex tindikalu kont bankarju fejn il-pensjoni setghet tigi depozitata direttament minflok tintbghat lilha permezz ta' cekk. Violet Cauchi kienet tat struzzjonijiet lid-Dipartiment sabiex din il-pensjoni tigi depozitata f'kont bankarju savings mal-Bank of Valletta plc bin-numru 14103483015 liema kont kien intestat f'isimha u f'isem l-imputat, A/C Kyra. Dan il-kont kien infetah f'isem it-tifla sabiex jiddwpozitaw fih xi mghaxijiet li kienu jircievu minn xi nvestiment illi kien sar ghat-tifla u meta gew mitluba mid-Dipartiment jindikaw kont bankarju huma kienu ndikaw dan il-kont. Kien sar arrangament illi hekk kif il-pensjoni tigi depozitata dina terga tigi migbuda sabiex Cauchi tkun tista taghmel uzu minn dawn il-flus. Cauchi mietet fit-23 ta' Lulju, 2004, wara din id-data l-pensjoni tar-romol li kienet tircievi Violet Cauchi baqghet tigi depozitata f'dan il-kont bankarju sa Novembru 2010 meta mbaghad minn investigazzjonijiet illi ghamel d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali rrealizza illi Cauchi kienet mietet, ghalhekk kienet saret denunzja lill-pulizija sabiex jigi nvestigat dan il-kaz u fejn allura gie nterrogat l-appellat wara li rrinunzja il-jedd ghal parir legali.

Minn investigazzjoni li saret mill-pulizija rrizult illi l-appellat kien zamm il-kont bankarju miftuh, baqa jippercepixxi fih il-pensjoni tar-romol li kienet intitiolatha ghaliha Violet Cauchi sakemm dina kienet ghadha hajja u apparti minn hekk sahansitra ttrasferixxa somom ta' flus minn dan il-kont bankarju ghal kontijiet personali tieghu wara l-mewt ta' l-imsemmi Cauchi fit-23 ta' Lulju, 2004.

B'Sentenza ellaborata, studjata u akkadikament korretta ta'l-10 ta' Jannar, 2013 (125) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati ta' l-imputazzjinijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minn kull imputazzjoni u htija.

L-Avukat Generali pero' hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell principalment fuq apprezzament tal-provi peress illi l-Avukat Generali ma setax jiccensura lill-Qorti tal-Magistrati fuq l-espozizzjonijiet legali tad-diversi reati illi gew attribwiti lill-appellat. Fil-fatt l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti jirrikonoxxi li r-reat attribwit taht l-

Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali u cioe' l-frodi b'ghemil qarrieqi li jirreferi ghall-ewwel akkuza ma tirrizultax, izda jikkontendi illi l-akkuzi l-ohra jirrizultaw.

Violet Cauchi kienet tat struzzjonijiet lid-Dipartiment li l-pensjoni taghha tidhol f'kont kongunt ma l-appellat, id-Dipartiment pero' ma kienx jaf illi l-kont kien kongunt allura baqa' jiddepozita f'dan il-kont. Terga u tghid id-dipartiment ma gie jinfurmat illi Violet Cauchi kienet mietet u allura b'hekk il-flus dejjem baqghu jigu depozitati u kien hemm zmien ukoll meta l-appellat kien irtira xi flus minn dan il-kont u ddepozitahom f'kont bankarju iehor f'ismu. Dana sar f'perjodu qasir wara l-mewt ta' Violet Cauchi pero' mbaghad ghal zmien twil iehor sa l-2010 ma kien hemm l-ebda movimenti ohra minn dan il-kont kongunt u l-flus kollha li bdew jigi depozitati mid-Dipartiment tas-Sigurata Socjali baqghu f'dan il-kont. Sussegwentement meta d-Dipartiment kien induna bil-mewt ta' Cauchi kien talab ir-refuzjoni tal-flus kollha illi kienu gew depozitati jew imhalsha lilha ndebitament u l-appellat hallas lura dawn il-flus kollha.

Ikkunsidrat.

Iz-zewg akkuzi li l-Avukat Generali baqa' jsostni l-htija huma t-tieni akkuza ta' appropjazzjoni ndebita fl-isfond ta' l-Artiklu 293 tal-Kodici Kriminali, u t-tielet akkuza illi bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Sigurta Socjali xi bidla fic-cirkostanzi b'mod illi nghata dak il-pagament fl-isfond ta' l-Artiklu 117 (1) (iii) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Din il-Qorti terga taghmel referenza ghas-Sentenza erudita tal-Qorti tal-Magistrati fejn trattat bl-aktar mod studjat l-elementi ta' l-appropjazzjoni ndebita bl-awturi kkwotati fejn waslet ghal konkluzjoni illi l-elementi necessarji ghal dan ir-reat ma jissistux fil-konfront ta' l-appellat u lanqas ma sabet htija fil-konfront tar-regolamenti tal-Kap 318 peress illi ma rrizultatx id-dolo jew l-intenzjoni ta' l-appellat illi bi frodi huwa jqarraq lid-

Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Din il-Qorti ma ghandha xejn xi zzid ma l-istudju illi ghamelt l-Ewwel Qorti u wkoll mad-decizjoni taghha illi temmen lill-appellat meta jghid illi dana kien ha c-certifikat tal-mewt lid-Dipartiment pero' xorta baqa' jircievi d-depoziti mill-istess Dipartiment fil-kont tal-mejta Cauchi. Din il-Qorti mhijiex sejra tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti meta ddecidiet illi temmen lill-appellat fil-verzjoni tieghu, peress illi dina tinkwadra bil-probabli illi hija bizzejjed sabiex l-appellat jirnexxi fit-tezi tieghu. Mhijiex l-ewwel darba illi dokumenti moghtija lid-dipartiment tal-Gvern jigu mitlufa jew inkella "mislaid" f'xi file iehor biex imbaghad ikun ghadda z-zmien sakemm jinstabu. Ghalhekk jista jaghti l-kaz, illi l-appellat qieghed jghid il-verita meta jghid li huwa nforma lid-Dipartiment bil-mewt ta' Cauchi u li kien id-Dipartiment illi naqas illi jiehu konjezzjoni ta' dan l-avviz u xorta baqa' jibghat il-flus fil-kont ta' l-istess Cauchi.

L-Ewwel Qorti kellha l-opportunita illi tara x-xhieda viva voce, tikkonsidra l-komportament taghhom, il-karattru u jekk id-depozizzjoni taghhom ghandix mis-sewwa, haga li l-Qorti ta' l-Appell qed tara biss mid-dokumenti u m'ghandix din il-possibilta. Ghalhekk din il-Qorti trid taghmel apprezzament tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti kienetx legali u ragunevoli fil-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u ssib illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Qorti setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghalhija u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------